

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Sistemi Legali - Tal-UE U Nazzjonali](#) > [Qrati Ordinarji Nazzjonali](#)
> Greece

Qrati ordinarji nazzjonali

Greċja

Il-kontenut ipprovdut
minn
Greċja



Qrati ċivili (*Politiká dikastíria*)

Il-kwistjonijiet privati kollha jiġu rinviati lill-qrati ċivili, inklużi l-kawżi mhux kontenzjużi assenjati lil dawn il-qrati bil-liġi.

Il-qrati ċivili huma:

1. Il-Qorti Suprema (*Áreios Págos*)
2. Il-Qrati tal-Appell (*Efeteía*)
3. Il-Qrati tal-Prim' Istanza b'numru ta' mħallfin (*Polymelí Protodikeía*)
4. Il-Qrati b'Membri tal-Ġudikatura Wieħed (*Monomelí Protodikeía*)
5. Il-Qrati Ċivili Distrettwali (*Eirinodikeía*)

Il-Qrati Kriminali (*Poiniká dikastíria*)

Il-Qrati Kriminali jisimgħu l-kawżi kriminali.

Il-Qrati Kriminali huma:

1. Il-Qorti Suprema (*Áreios Págos*)
2. Il-Qrati tal-Appell b'ħames membri tal-ġudikatura (*Pentamelí Efeteía*)
3. Il-Qrati tal-ġurija mħallta (*meiktá orkotá dikastíria*)
4. Il-Qrati tal-Appell b'ġurija mħallta (*meiktá orkotá Efeteía*)
5. Il-Qrati tal-Appell bi tliet membri tal-ġudikatura (*Trimelí Efeteía*)
6. Il-Qrati tal-Maġistratura bi tliet membri tal-ġudikatura (*Trimelí Plimmeleiodikeía*)
7. Il-Qrati tal-Maġistratura b'membri wieħed tal-ġudikatura (*Monomelí Plimmeleiodikeía*)
8. Il-Qrati Kriminali Distrettwali (*Ptaismatodikeía*)
9. Il-Qrati tal-Minorenni (*Dikastíria Anilíkon*)

Bis-saħħa tal-liġijiet speċjali, il-ġurisdizzjoni kriminali tiġi eżerċitata wkoll minn:

- Qrati Marzjali (*Stratodikeía*)
- Qrati Navali (*Naftodikeía*)
- Qrati tal-Forzi tal-Ajru (*Aerodikeía*)

Dawn il-qrati jisimgħu kawżi bħala qrati kriminali speċjali.

Dawn il-qrati jisimgħu kawżi li jinvolvu reati kommessi minn persunal militari fl-armata, fil-qawwa navali jew fil-forzi tal-ajru.

Qrati Amministrattivi (*Dioikitiká dikastíria*)

1. Il-Kunsill tal-Istat (*Symvoulio tis Epikrateías*) huwa wieħed mill-ogħla tliet qrati fil-Greċja (flimkien mal-Qorti Suprema u l-Qorti Ellenika tal-Awdituri (*Elegktikó Synédrio*)).
Fil-qosor, il-Kunsill tal-Istat jisma' kawżi li jinkludu:
 - rikorsi għall-annullament ta' atti amministrattivi għal ksur tal-liġi, abbuż ta' poter, nuqqas ta' kompetenza jew ommissjoni formali;
 - appelli tal-impjegati, tal-persunal militari, governattiv u oħrajn mid-deċiżjonijiet tal-kunsilli tal-persunal (*ypiresiaká symvouλία*) dwar il-promozzjoni, it-tkeċċija, ir-regressjoni fil-karriera, eċċ.;
 - rikorsi għal rieżami ta' deċiżjonijiet minn Qrati Amministrattivi. Il-qrati amministrattivi huma responsabbli biex isolvu tilwim ta' natura amministrattiva bejn l-amministrazzjoni tal-gvern u ċ-ċittadini.
2. Il-Qorti tal-Awdituri għandha kemm setgħat ġudizzjarji kif ukoll amministrattivi, li jagħmluha korp b'żewġ funzjonijiet. Il-mandat tagħha huwa li tikkontrolla n-nefqa tal-Istat, kemm mis-settur pubbliku kif ukoll mill-awtoritajiet lokali. Hija responsabbli wkoll mis-sorveljanza u l-għoti ta' responsabbiltà lill-amministraturi pubbliċi, u għandha setgħat ġudizzjarji biex tiddeċiedi dwar ċerti każijiet ta' salarju tal-impjegati taċ-ċivil.
Il-Qrati Amministrattivi Ordinarji (*taktiká dioikitiká dikastíria*) huma l-Qrati Amministrattivi tal-Prim'Istanza (*Dioikitiká Protodikeía*) u l-Qrati Amministrattivi tal-Appell (*Dioikitiká Efeteía*).
3. Il-Qrati Amministrattivi tal-Prim'Istanza għandhom formazzjoni ta' membru wieħed jew ta' tliet membri, skont il-valur monetarju tat-tilwima. Dawn il-qrati jismgħu kawżi dwar it-taxxa, tilwim bejn individwi u organizzazzjonijiet tas-sigurtà soċjali jew tal-politika soċjali u tilwim ta' natura amministrattiva bejn iċ-ċittadini u l-gvern nazzjonali jew lokali.
Il-qrati amministrattivi tal-prim'istanza b'bord ta' tliet persuni jismgħu wkoll l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-qrati amministrattivi tal-prim'istanza b'membru wieħed.
4. Il-qrati amministrattivi tal-appell jismgħu l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-qrati amministrattivi tal-prim'istanza b'membru wieħed. Dawn il-qrati jismgħu wkoll fil-prim'istanza r-rikorsi għall-annullament ta' atti amministrattivi dwar l-impjegati tal-ħaddiema tal-gvern (tkeċċijiet, nuqqas ta' ħatra jew għoti ta' promozzjoni, eċċ.).

Bażijiet tad-*data* legali

1. Sit web tal-Kunsill tal-Istat L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa mingħajr ħlas.
2. Sit web tal-Qorti Suprema. L-aċċess għall-bażi tad-*data* huwa b'xejn.

Links relatati

[Il-Qorti Suprema](#)

[Il-Kunsill tal-Istat u l-Ġustizzja Amministrattiva](#)

[Il-Qorti tal-Awdituri Ellenika](#)

[Il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Ateni](#)

[Il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Tessaloniki](#)

[Il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Piraeus](#)

[Il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Patras](#)

[Il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Tripoli](#)

[Il-Qorti tal-Prim'Istanza ta' Amfissa](#)

[Il-Qorti Ċivili Distrettwali ta' Patras](#)

[Il-Qorti Ċivili Distrettwali ta' Nikaia](#)

■ L-aħħar aġġornament: 14/06/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.